MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-18 ta' Dicembru, 2009

Appell Civili Numru. 90/2004/1

**Dr. Ann Fenech ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta`**
**Taljana Finaval SPA**

**v.**

**Dr. Louis Cassar Pullicino li b’digrieti tal-Qorti tal-24 ta’ Frar, 2004, u tal-1 ta’ Marzu, 2004, gie konfermat bhala Kuratur Deputat nominat sabiex jirrapprezenta s-socjetajiet Scorpio Ship Management S.A.M., Ferentino Shipping Company Ltd, Ilario Shipping Company Ltd, Arthur George Ltd, Victoria International Ltd**

## Il-Qorti:

## Preliminari

## Talba u risposta

Dan hu provvediment fuq rikors maghmul minn Dr. Louis Cassar Pullicino ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Scorpio Ship Management S.A.M, in segwitu` ghall-appell maghmul minnu minn zewg sentenzi tal-ewwel Qorti, wahda tat-2 ta’ Dicembru 2004 u ohra tal-5 ta’ Lulju 2007, fejn qed jitlob li din il-Qorti tordna li jigu estromessi mill-proceduri fl-ismijiet premessi z-zewg socjetajiet Ilario Shipping Co. Ltd u Ferentino Shpping Co. Ltd billi dawn m’ghadhomx legalment jezistu stante li dawn gew *struck off* mir-registru tal-kumpaniji fis-26 ta’ Frar 2004 u ghalhekk m’ghandhomx *locus standi* f’dawn il-proceduri.

Is-socjeta` intimata Finaval Spa wiegbet illi t-talba tar-rikorrenti hija rregolari u frivola u ma hemm ebda raguni valida ghaliex ghandha tigi milqugha. Hi spjegat li l-*locus standi* taz-zewg socjetajiet Ferentino u Ilario gie stabbilit meta giet intavolata l-kawza kontra taghhom fil-5 ta’ Frar 2004 cjoe` qabel dawn gew *struck off,* u dan il-fatt semmai jista’ jeffetwa biss l-esegwibilita` ta’ sentenza kontra taghhom u mhux l-*locus standi*. Hija tghid li kien biss wara erba’ snin minn meta giet prezentata l-kawza u wara li nghataw iz-zewg sentenzi u sar l-appell, li s-socjeta` Scorpio pprezentat ir-rikors odjern fejn qed titlob l-estromissjoni taz-zewg socjetajiet imsemmija. Inoltre dawn iz-zewg kumpaniji kienu pprezentaw l-eccezzjonijiet taghhom anke wara li huma kienu diga` *struck off*. Di piu` dawn il-kumpaniji gew *struck off* nonostante li l-likwidatur kien gie infurmat mil-legali tal-intimati li kienet saret kawza kontra taghhom[1]. Is-socjeta` intimata wiegbet ukoll li hija ghandha d-dritt li titlob r-restituzzjoni ta’ dawn iz-zewg socjetajiet fuq ir-registru tal-kumpaniji jekk ic-cirkostanzi jitolbu li dan ghandu jsir.

[1] Dok AFX esebit mar-rikors u Dok AF17 fl-atti tal-process.

## Kontestazzjoni

Fit-trattazzjoni orali quddiem din il-Qorti Dr. Cassar Pullicino spjega li huwa kien sar jaf li z-zewg kumpaniji kienu gew *struck off* wara li kien diga` ppezenta l-eccezzjonijiet f'isimhom fit-2 ta' April 2004, u dan billi dawn is-socjetajiet gew *struck off* imma *back-dated* ghas-26 ta' Frar 2004. Ir-rikorrent issottometta wkoll li l-parti l-ohra kienet taf jew messha kienet taf mill-*website* tal-MFSA li kien hemm stralcjarju appuntat u li l-istralc ma bediex fil-5 ta' Frar 2004 meta giet prezentata l-kawza jew wara li ntbaghtet l-ittra tal-legali tas-socjeta` intimata. Hu spjega wkoll li fl-14 ta' Ottubru 2003 gie prezentat *notice of dissolution* fir-registru tal-Kumpaniji u beda ghaddej il-process normali, u meta giet prezentata l-kawza il-process kien diga` fi stadju avvanzat u sa dak il-mument is-socjeta` intimata ma kienet ghamlet ebda rapprezentazzjoni mar-registratur tal-kumpanija biex topponi l-likwidazzjoni tal-kumpaniji. Kwantu ghal dak sottomess mill-intimata li hija ghandha dritt li titlob ir-restituzzjoni taz-zewg socjetajiet fuq ir-registru tal-kumpaniji r-rikorrent sostna li t-terminu ta' hames snin biex issir tali talba ghadda skond l-Artikolu 300B(5) tal-Kap. 386.
Is-socjeta` intimata ma qabiltx ma' dawn is-sottomissjonijiet u insistiet li ghalkemm il-likwidatur kien infurmat bil-kawza li kien hemm kontra dawn il-kumpaniji, xorta wahda huwa ma infurmax lir-registratur biex ma jikkancellax dawn il-kumpaniji. Insistiet ukoll li hija tista' titlob li jigu restitwiti dawn il-kumpaniji fir-registru billi f'dan il-kaz tapplika l-Commercial Partnership Ordinance, fejn ma hemmx terminu stabbilit, u mhux il-Companies Act.

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

Ir-rikorrent qed jitlob li din il-Qorti tordna li jigu estromessi minn dawn ill-proceduri z-zewg socjetajiet Ilario Shipping Co. Ltd u Ferentino Shpping Co. Ltd billi dawn m'ghadhomx legalment jezistu stante li gew *struck off* mir-registru tal-kumpanniji u dan l-istat ta' fatt ma giex indikat fl-okkju taz-zewg sentenzi fuq imsemmija.

Illi bhala fatt mhux kontestat li dawn iz-zewg socjetajiet gew *struck off* kif deher fil-Gazzetta tal-Gvern tal-5 ta' Marzu 2004 u li dawn gew *struck off back-dated* ghas-26 ta' Frar 2004. Il-kawza kienet giet prezentata qabel din id-data u precizament fil-5 ta' Frar 2004, izda fiz-zewg sentenzi tal-ewwel Qorti l-fatt li z-zewg kumpaniji kienu gew *struck off* ma giex indikat fl-okkju.

Illi huwa risaput li:

"Hu bl-okkju tas-sentenza li l-partijiet jigu identikfati u huma d-drittijiet u l-obbligii ta' dawk il-partijiet - persuni kontendenti fil-kawza - li jkunu qed jigu determinati fis-sentenza appellata. Is-sentenza taghmel stat u torbot lil dawk il-persuni u hu car li jekk dawn ma jkunux sewwa identifikati dik ir-rabta ma tirrizultax effikaci fil-ligi. L-izball allura jehtieg li jigi rattifikat. Kif gie ritenut minn din il-Qorti, fil-kawza l-Avukat Dottor Stephen Thake nomine –v.- Fabian Saliba deciza fl-4 ta' Mejju 1994 (Vol. LXXVIII.pii.-133) illi:- "........ din il-Qorti fit-termini tal-Artikolu 175 tal-Kap. 12 ghandha l-fakolta` li tikkoregi kull zball li jirrizulta f'kull att li jigi pprezentat wara s-sentenza tal-ewwel istanza imma din il-fakolta` ma testendix sas-sentenza li tkun appellata quddiemha". (Ara wkoll is-sentenza tal-Qorti tal-Apell deciza fis-7 ta' Dicembru, 1990 fl-ismijiet "Melita Sciberras –v.- Gordon B. Tolputt", u s-sentenza fl-ismijiet "Anthony Mizzi –v.- Gertie Bugeja", ukoll deciza mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Marzu, 1994). Is-sitwazzjoni ma jidhirx li tbiddlet bl-emendi li saru fil-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili bl-Att XXIV tal-1995, is-subinciz 2 tal-Artikolu 175 li nfatti ma jirrizultax b'xi mod emendat. Il-Qorti tal-Appell allura ma tistax tikkoregi l-ismijiet tal-partijiet li jidhru zbaljatament fl-okkju tas-sentenza appellata ghax ghandha tqis li dik is-sentenza inghatat kontra persuna jew persuni li ma kienux parti fil-kawza jew bhala attur jew konvenut. Hi biss il-Qorti li ppronunzjat is-sentenza li tista' taghmel ir-rettifika opportuna ghaliex is-sentenza appellata taghmel biss stat fil-konfront ta' dawk il-persuni li hi tiddikjara fl-okkju taghha li huma l-partijiet in kawza." (**Victor Zammit et v. Joseph Stivala** deciza fid-19 ta' April 1999).

Fil-kaz in ezami meta l-ewwel Qorti ddecidiet il-kwistjoni tal-gurisdizzjoni fis-sentenza taghha tal-5 ta' Frar 2004 sabet li hija kellha gurisdizzjoni billi l-Artikolu 742(c) tal-Kap.12 kien japplika in vista tal-ishma tas-socjetajiet Ilario u Ferentino li kienu registrati f'Malta. Il-gurisdizzjoni tal-Qorti giet stabbilita minnha skond ic-cirkostanzi prevalenti fil-gurnata meta giet intavolata l-kawza u ma gietx effettwata minn dak li gara wara. Meta giet intavolata l-kawza z-zewg socjetajiet ma kienux ghandhom gew *struck off*.

Fit-tieni sentenza taghha l-ewwel Qorti ddecidiet il-mertu, izda f'dik is-sentenza l-Qorti kienet qalet li:
"Ghar-rigward tat-talba tas-socjeta` attrici ghat-trasferiment effettiv tal-ishma fil-kumpanija Ferentino Shipping Co. Ltd jew Ilario Shipping Co. Ltd, dan ma kienx aktar possibbli peress li l-isthma tal-kumpanija gew trasferiti lil terzi, **u zzewg kumpaniji gew xolti u *struck off* mir-registru tal-kumpaniji fis-26 ta` Frar, 2004.** Fil-fatt jidher li t-trasferiment tal-ishma sar qabel ma gie prezentat ir-rikors ghal hrug tal-Mandat ta` Inibizzjoni numru 1673/03, u x-xoljiment taz-zewg kumpaniji sar nonostante l-fatt li l-likwidatur kien gie avvzat bil-pendenza ta` din il-procedura. Mhux kompitu tal-Qorti tezamina r-rwol tal-likwidatur f`dawn il-proceduri, pero`, la darba it-trasferiment kontemplat fil-ftehim evidenzjat fl-ittra tal-24 ta` Dicembru, 2002, ma jistax aktar isir, din il-Qorti trid tipprovdi issa ghal likwidazzjoni u hlas tad-danni."

L-ewwel Qorti wara li kkundannat lis-socjeta` Scorpio Ship Management thallas id-danni, <u>astjeniet milli tippronunzja ruhha fil-konfront tal-konvenuti l-ohra.</u>

Ghalhekk jirrizulta evidenti li l-ewwel Qorti kienet konxja li dawn iz-zewg socjetajiet ma kienux ghadhom legalment ezistenti u li ma setghetx tikkundannahom jew tilliberahom, u f'dan ir-rigward is-socjeta` Finaval Spa kienet cediet it-talbiet li kienu jikkoncernaw direttament lil dawn iz-zewg socjetajiet. Il-fatt li fl-okkju tas-sentenza ma jissemmiex li dawn iz-zewg socjetajiet kienu gew *struck off* ma jaghmel l-ebda differenza fil-mertu taz-zewg

sentenzi u fuq id-drittijiet u l-obbligi ta’ dawk iz-zewg socjetajiet.

Jigi finalment puntwalizzat li kien biss wara li nghataw iz-zewg sentenzi u sar l-appell li s-socjeta` appellanti talbet l-estromissjoni taz-zewg socjetajiet. Ghalkemm inghad li s-socjeta` appellanti kienet gabet a konjizzjoni tal-ewwel Qorti l-fatt li dawn iz-zewg socjetajiet kienu gew *struck off*, hija ma ghamlet ebda eccezzjoni u lanqas eccezzjoni ulterjuri biex tikkontesta l-kontinwazzjoni tal-presenza taz-zewg kumpanija fil-proceduri una volta li dawn kienu gew *struck off.* L-appellanti ma jistghux jippretendu illi f’dan l-istadju inoltrat tal-proceduri in sede appell jitolbu li z-zewg socjetajiet jigu estromessi meta huma accettaw li jippartecipaw pjenament fil-proceduri u meta dan il-punt qatt ma fforma kontroversja quddiem l-ewwel Qorti.

Fic-cirkostanzi u ai termini tas-sub-inciz (2) tal-Artikolu 175 tal-Kap. 12 din il-Qorti tordna li ssir korrezzjoni fl-okkju tal-kawza fis-sens li wara l-kliem, “Ilario Shipping Company Ltd” u qabel il-kliem “Arthur George Ltd”, jizdiedu l-kliem “***liema zewg kumpaniji Ferentino Shipping Company Ltd u Ilario Company Ltd gew struck off mir-registru tal-kumpaniji fis-26 ta’ Frar 2004****”.*

Spejjez ta’ dan ir-rikors ghall-appellanti.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------